# 83. Ix-Xbieha

Il-grilli qed jgħannu l-imħabba lejlija,
l-imsiebaħ il-lejl bin-namur imnemnin,
il-qamar fis-sema jinnamra ma' kewkba,
u jiena fi ħdanek flimkien imgħannqin.

Mid-dinja tal-ħlejjaq tal-ġmiel ta' madwarna
fuq ġwienaħ imdawla ttajjarna flimkien
f'pajjiż il-poeti, qalb ħolm u qalb għana,
pajjiż ta' bla wisa', pajjiż ta' bla żmien.

B'għajnejk sewdenin imwaħħlin ġo għajnejja,
tbissima fuq fommok ta' ħolm u għaxqiet,
fid-dija tal-qamar li żżid it-tbissima,
qgħadt tisma' minn fommi ta' qalbi l-għanjiet.

Il-mewt tista' tmermer il-laħam ta' wiċċek,
u f'qabar mudlam tista' ġġibna fix-xejn;
'mma tibqa' t-tifkira tal-lejla qamrija
ta' meta fid-dija tħabbejna aħna t-tnejn.

U waqt illi l-grilli jintilfu fl-imħabba,
u waqt li l-imsiebaħ inemmnu flimkien,
bħall-kewkba li tiġri mad-dawra tal-qamar
trid tibqa' xbihetna tiġġerra fiż-żmien.

Tiġġerra fl-għelieqi fid-dija tal-qamar,
u turi poeta qed jgħanni l-għanjiet,
u tfajla qed tisma' b'għajnejha sewdiena,
tbissima fuq fommha ta' ħolm u għaxqiet!